KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sbatax (17)***

***L-Erbgha, 29 ta' April, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali ghal-Laqgha tal-Kunsill fit-tlieta ta' wara nofsinhar (3:00pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**17.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

17.1.1 Tressqet ittra ta' apologija minghand il-Kunsillier Keith Fenech, li talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol. L-ittra ta' apologija giet approvata unanimament mill-membri prezenti.

**17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

17.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 16 li nzammet nhar l-Erbgha, 8 ta' April, 2020.

17.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 16 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

17.2.3 **Mozzjoni 17-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 16.

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 16 gew approvati unanimament.

**17.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 17 (08) – April 2020***

17.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 17(08) biċ-ċekkijiet numru 6993 sa 7013 li tammonta €20,370.67

17.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv talbet lill-Kunsilliera sabiex jekk irridu li l-allowance tigi mghoddija permezz ta' *bank transfer*, dawn ghandhom jibaghtu n-numru tal-IBAN lis-Segretarju Ezekuttiv

17.3.3 Rigward il-pagament b'cekk numru 7005 lill-Peter Plant Ltd., il-Kunsill qabel li dan ghandu jinzamm sakemm jigi rrangat tajjeb l-isprall fi Triq G.Demicoli kantuniera ma Triq il-Belt Valletta ghax dan rega sfronda. Il-hlas ghandu jinzamm sakemm tigi rrangata il-hsara. F'kaz li dan ma jsirx, il-Kunsill se jqabbad kuntrattur iehor jirrangah u l-ispiza titnaqqas kollha mill-kont tieghu.

17.3.4 **Mozzjoni 17-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 17(08) bl-ammont ta' €20,370.67

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 17(08) giet approvata unanimament.

**17.4 <u>Tender Waste Collection</u>**

17.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li matul il-process tal-evalwazzjoni gie nnutat li iz-zewg offerenti kellhom xi dokumenti nieqsin. Dan minhabba li l-Kunsill talab specifikament li l-offerent ghandu jkollu vann zghir sabiex ikun jista' jidhol f'toroq dojoq biex jingabar l-iskart minn quddiem il-bieb.

17.4.2 Gie nnutat ukoll li l-orhos offerent ma kellux dettalji ta' vann zghir filwaqt li l-offerent l-iehor, l-offerta tieghu kienet taqbez il-*budget* tal-Kunsill.

17.4.3 Ghaldaqstant il-Kunsill iddecieda li ma jaccetta l-ebda offerta u t-tender jerga jigi ppublikat mill-gdid.

**17.5 <u>Korrispondenza</u>**

17.5.1 Tressqet korrispondenza dwar spiza ta' 2 tyres li tammonta ghal €176.02. Is-Sindku Darren Abela spjega li waqt li l-haddiem taghna li jaqta' l-haxix kien ghaddej bix-xoghol tieghu bil-mutur, laqat it-tyres ta' quddiem ta' karozza ta' resident li kienet ipparkjata. Ghaldaqstant is-Sindku ppropona li wara li jintalab ir-rapport tal-pulizija, il-Kunsill ghandu jirrifondi l-ispejjez li gew ikkawzati minn haddiem taghna. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni, izda ghandi jinforma l-haddiem li ghal din id-darba biss se jkun qed jhallas il-Kunsill, jekk jigi nnutat li hemm negligenza, il-Kunsill jzomm lill-haddiem responsabbli.

17.5.2 Tressqet korrispondenza dwar kwotazzjoni ghall-fanali ornamentali ghall-isqaqien. Din il-4kwotazzjoni hija ghall-fanali LED li jiswew €850. Il-Kunsilll qabel li jekk ha jinvesti f'dawn il-fanali, dawn ghandhom isiru b'LEDs.

17.5.3 Tressqet kwotazzjoni sabiex isiru *disabled parking spaces*. Il-kwotazzjoni hija ta' €100. Il-Kunsill se jikkunsidra din il-kwotazzjoni meta jkun hemm il-bzonn li ssir.

17.5.4 Tressqet talba minghand resident sabiex Triq l-Isparvier issir *one way.* Minhabba li din iz-zona tintuza biss mir-residenti, il-Kunsill ma jhossx il-htiega li din it-triq issir *one way*. F' kaz li jkomplu jizdiedu r-residenti u jkollna pjanta mill-PA dwar kif se jigu t-toroq, il-Kunsill ikun jista' jerga' jikkunsidra din it-talba.

17.5.5 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar iz-zewg kontijiet li tressqu fil-laqgha ta' qabel, dwar it-twittija tal-hamrija fi Gnien 2000 u l-qtugh ta' sigar. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li wara li tkellmet mal-kuntrattur, huwa qal li dak huwa l-prezz li hu jikkonsidra bhala ragjonevoli. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li infurmat lill-istess kuntattur li drabi ohra tesigi li tinghata l-kwotazzjoni qabel isir ix-xoghol. Ghaldaqstant f'dan l-

istadju, l-Kunsill qabel li la x-xoghol gie ordnat mis-Sindku u ikkonferma li dan sar, il-Kunsill qabel li l-kuntrattur jithallas l-ammont kollu, izda jesigi li dejjem tintalab kwotazzjoni qabel isiru x-xoghlijiet.

17.5.6 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li minhabba li ma giex iffirmat l-ebda kuntratt qabel inbeda x-xoghol tal-bandli, il-flus fil-fond tal-UIF ma jistghux jinghataw ghal dan il-progett, izda se jkunu qed jinzammu ghal xi progett iehor li jista' jsir fil-futur. Ghaldaqtant, minhabba li ghadna incerti dwar jekk il-fondi tal-Mizura 4.3 hux se jinghataw kollha, il-Kunsill ghandu jzomm bilanc fin-nefqiet sakemm ikollna iktar stampa cara tal-qaghda finnazjarja tal-Kunsill. HIja nfurmat li dwar mizura 4.3, ghaddejja bil-procedura fejn qed jintbaghtu d-dokumenti kollha biex isir il-pagament lill-kuntrattur. Sadanittant, l-Avukat tal-Kunsill infurmana li meta terga' tinfetah il-Qorti, il-Kunsill jista' jaghzel li jfittex lill-kumpanija Polidano talli ma onoratx l-kuntratt li ffirmat, u dan skond kif inghatajna direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

**17.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

17.6.1 Is-Sindku Darren Abela qal li waqt li kienu qed jinstallaw l-internet fil-bandli inqalghu xi problemi teknici u ghaldaqstant ix-xoghol ghandu jitkompla fil-jiem li gejjin.

17.6.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq ressaq kwotazzjoni sabiex jinxtraw barriers tal-konkos. Huwa qal li ghalissa se jissospendi din l-ispiza minhabba li mhiex daqstant urgenti.

17.6.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq korrispondenza minghand il-Ministeru tal-Familja fejn baghtu l-approvazzjoni sabiex isir il-Monument tal-Familja. Il-Kunsill sostna l-pozizzjoni tieghu li dan il-monument ghandu jkun wiehed inklussiv u ghaldaqstant ghandha tintbaghat korrispondenza lill-Ministeru fejn ninfurmawh dwar il-pozizzjoni taghna.

17.6.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-Autodealer li hemm fil-Bypass fejn qal li wara li l-Kunsill infurmah sabiex ma jhallix iktar minn tliet karozzi barra, huwa informal is-Sindku li mhux se jhalli iktar minn tliet karozzi barra.

17.6.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex quddiem il-Gondolier, fi Triq Hal Tarxien, issir bankina. Il-Kunsill ma jsib ebda oggezzjoni li ssir sakemm ma tostakolax jew tkun ta' periklu ghas-sewwieqa.

17.6.6 Is-Sindku Darren Abela talab sabiex jintbaghtu ghall-kwotazzjonijiet ghall-tabelli *Merhba Signs*.

17.6.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jinxtraw 6 *dog bins* ohra bhal ma xtrajna sabiex jitwahhlu f'diversi postijiet fejn hemm it-talba ghalihom.

17.6.8 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir bozza fejn il-ground tal-Kappillan. Il-Kunsill qabel.

**17.7 Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri**

17.7.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bzonn ftit bexx fi Gnien Elfejn. Sabiex dan ma jkunx ta' inkonvenjent ghan-nies, dan jista jigi applikat mod iehor u mhux bil-pompa tal-bexx. Hija qalet li se jkun qieghed jaghmlu wiehed mill-haddiema taghna.

17.7.2 Il-Vici Sindku staqsiet dwar il-progett tal-irrigazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li se jninhareg it-Tender.

17.7.3 Il-Kunsillier Andreas Gatt staqsa dwar il-*poles* int u diehel fi Vjal il-Labour minn Dawret Hal Ghaxaq. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se jitwahhlu fil-jiem li gejjin.

17.7.4 Il-Kunsillier Andreas Gatt staqsa dwar ir-rotta 135 u jekk ghandniex informazzjoni dwar kemm tintuza. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ghad m'ghandiex risposti dwar din l-informazzjoni.

17.7.5 Il-Kunsillier Andreas Gatt informa lill-Kunsill li t-tabelli innovattivi li gew diskussi fil-laqgha precedent qeghdin jigu ddisinjati.

17.7.6 Il-Kunsillier Andreas Gatt ippropona li r-*roundabout* li saret fil-fetha ta' Triq San Gorg tinghata ftit konkos biex ma tibqax catta ma l-art. Dan minhabba li s-sewwieqa mhux jaghtu kasha.

17.7.7 Il-Kunsillier Andreas Gatt staqsa meta se jitpoggew il-*bollards* fl-entraturi tas-*service roads* fil-Bypass. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkellem lill-Perit ta' IM.

*F'Dan l-istadju tal-laqgha il-Vici Sindku Christine Dalli talbet li tkun skuzata.*

17.7.8 Il-Kunsillier Andreas Gatt tkellem dwar kwotazzjoni sabiex issir website ghall-ilmenti tan-nies, izda l-istima jhoss li hija gholja wisq u ghaldaqstant se jkun qed ifittex kwotazzjonijiet ohrajn.

17.7.9 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li jinxtraw zewg lasti godda ghall-ground tal-5-a-side. Il- Kunsill qabel li jingiebu l-kwotazzjonijiet.

17.7.10 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li hemm xi haddiema li jahdmu ma Peppin li minhabba li bhalissa naqsilhom ix-xoghol, talbu lill-Kunsill jekk jistghux jaghmlu xi xoghol mal-Kunsill. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.

17.7.11 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li jinghata ftit konkos fi Triq l-Andar fejn hem mil-kamra tad-drenagg. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

17.7.12 Il-Kunsillier Andreas Gatt ippropona li fi Triq San Gorg titwahhal *road hump* minhabba li hemm rapporti li hemm xi mekkanik li jkollu xi karozzi li meta johorgu minghandu jkun hemm hafna sewqan eccessiv fit-triq. Il-Kunsill qabel li tinbaghat ittra lil sid il-garaxx u ninfurmawh dwar dan l-inkonvenjent.

**17.8 Mozzjonijiet**

17.8.1 Annessi mal-Minuti

**17.9 Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss**

17.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2020 fil-5.00pm

Il-Laqgha ntemmet fis-6:00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 17**

**Mozzjoni Ref:** 17-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 16

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 29 ta' April 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 17**

**Mozzjoni Ref:** 17-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 17

______________________ ______________________

**Christine Dalli** **Andreas Gatt**
**Proponent** **Sekondant**

---

**Data:** 29 ta' April 2020

______________________

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**